MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 28/2026-9**

**It-Tlieta, 21 ta' April 2026**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-4.00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Baskal Saliba - Sindku
Dr Marlene Cini - Kunsilliera
Is-Sur Nicky Saliba - Kunsillier
Is-Sur Mario Portelli - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Is-Sur Daniel Cordina - Viċi Sindku

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

**28.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku nforma lil membri illi l-Viċi Sindku ma jistax jattendi u l-Kunsilliera Dott Marlene Cini ser tasal ftit tard.

**28.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

28.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 28/2026-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija. Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

28.2.2 Il-membri qablu li tiġi kkoreġuta minuta nru 27.3.12. Wara li ġiet kkoreġuta, l-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**28.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

28.3.1 Is-Sindku nforma lil membri illi l-ħaddiema tal-Kommunita' inbidlu. Irringrazzja lil ħaddiema uxxenti tal-ħidma tagħhom u awgura lit-tmien ħaddiema ġodda. Irringrazzja lil District Operations u l-Ministeri kkonċernati u awgura l-għaqda għal ġid tal-lokalita'. Il-Kunsillier Nicky Saliba propona li tintbgħatilhom kartolina ta' ringrazzjament.

28.3.2 Rigward il-konsoltazzjoni pubblika fuq it-transport pubbliku, qal li ħafna mir-residenti ma qablux illi sabiex it-trasport pubbliku jitla' lejn il-Ponta jrid jingħaqad ma' l-Għasri u Ta' Pinu u lanqas riedu li jsiru d-*double yellow lines* sabiex tkun tista' tgħaddi tal-linja. Il-membri qablu li jsiru diskussjonijiet ma' Transport Malta sabiex minflok titla' bus żgħira lejn l-inħawi tal-Ponta.

28.3.3 Is-Sindku nforma lil membri illi kellhom jinżebgħu żewġ *double yellow lines* il-Ponta sabiex ikun jista' jibqa' jingħata is-servizz tal-ġbir ta' l-iskart. Kompla jgħid li qabel ma saru ġew ikkonsultati r-residenti u saru bl-approvazzjoni tagħhom ukoll. Żied jgħid li anke f'Marsalforn ser ikollhom jiżdiedu xi tabelli minħabba l-ischammel.

28.3.4 Informa lil membri li kien propost li jinbena' ħajt ma' l-egħlieqi fi Triq is-Salina. Propona u l-membri qablu sabiex minflok, jiġu nstallati bankijiet u siġar taż-żebbuġ sabiex l-*area* tiġi msebbħa.

28.3.5 Is-Sindku propona u l-membri qablu sabiex l-latrina pubblika ta' Pjazza l-Assunta tiġi renovata billi jitwaħħlu *marble pvc pannels* mal-ħitan, u jinbidlu s-servizzi sanitarji peress li tkissru.

28.3.6 Il-membri ġew infurmati illi fid-29 t'April 2026 fil-10.30 ta' filgħodu ser jiġi inawgurat l-proġett komunitarju tal-Latrina Pubblika u l-Uffiċċini tal-Kunsill mis-Segretarju Parlamentari, l-Onor. Alison Zerafa Civelli u l-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar, l-Onor. Clint Camilleri.

**28.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

28.4.1 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

28.4.1.1 Il-Kunsillier Portelli propona u l-membri qablu sabiex quddiem garaxx fi Triq Barda ssir rampa peress li l-karozzi qed jipparkjaw quddiemu bil-konsegwenza li ma jkunx jista' joħroġ.

28.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

28.4.2.1 Il-Kunsillier Nicky Saliba informa lil membri li hemm bżonn jinbidlu t-tabelli li saru minn fondi ta' l-EU li huma magħmula mill-*corteen steel* peress li jidhru msaddin u qed jagħtu dehra ta' telqa speċjalment dawk li huma nstallati fix-Xwejni u f'Ras ir-Reqqa. Il-membri qablu.

*Il-Kunsilliera, Dott Marlene Cini skużat ruħha li ġiet tard u daħlet fil-kamra fil-4.20 ta' wara nofs in-nhar.*

28.4.2.2 Ippropna u l-membri sabiex isir il-patching neċessarju fi Triq Għajn Mhelhel peress li ma sarx sew. Is-Sindku nfurmah illi dan il-patching ma sarx mill-ħaddiema tal-Kunsill u li din it-triq kienet proposta mall-mitt triq li ser isiru mill-Gvern.

28.4.2.3 Talab sabiex l-attivita' li ser issir il-Ġimgħa b'rabta ma' Jum iż-Żebbuġ titħassar u ssir darb'oħra peress li hemm attivita' oħra imtella' mid-DLG dak in-nhar stess u jixtiex jattendi. Is-Sindku nfurmah illi din il-lejla iddedikata għal apprezzament tal-Ħidma tal-Kunsilli Lokali, l-invit tagħha wasal f'dawn il-ġranet u l-attivita' li ser tiġi organizzata mill-Kunsill, il-Kunsill ilhu jipprepara għaliha ġimgħat sħaħ.

28.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott Marlene Cini*

27.4.3.1 Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini staqsiet min għamel il-*wall mural* mal-latrina pubblika fil-Qbajjar Promenade peress li dan ta dehra vera

sabiħa lil dawn l-inħawi. Is-Sindku nfurmha illi dan sar grazzi għal Aġenzija Żagħżagħ.

28.4.3.2 Staqsiet x'ser isir għal Jum l-Omm. Is-Sindku nfurmha illi l-Aġenzija Support ser ikunu qed jagħmlu xemgħat sabiex jitqassmu lil ommijiet f'din il-ġurnata. Proponiet u l-membri qablu li jiġu ordnati ħafna sabiex jitqassmu fil-Knejjes madwar il-lokalita'.

28.4.3.3 Il-Kunsilliera Dott Cini talbet sabiex fl-Erbgħat tal-Madonna, jibda' jingħata servizz tal-Community van sabiex jieħdu l-anzjani Ta' Pinu. Il-membri qablu.

28.4.3.4 Espremiet l-apprezzament tagħha għal organizzazzjoni ta' l-*Egg hunt* li saret fil-Wied ta' Marsalforn, fejn kien hemm rispons tajjeb ħafna mill-pubbliku u parteċipazzjoni sabiħa tat-tfal u l-familji.

28.4.3.5 Talbet sabiex Ġnien Serħan is-Sagħtrija jitnaddaf mill-ħaxix ħażin. Il-membri qablu.

## 28.5 Offerti/Kwotazzjonijiet;

Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li din il-materja ma tistax tiġi diskussa peress li l-Bord t'Evalwazzjoni għadhom ma lestewx l-Evalwazzjoni ta' l-offerti.

## 28.6 Materji Oħra;

28.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri rigward il-kera tal-garaxx. Infurmathom illi l-Kunsill ħallas sal-25 ta' Mejju 2026 u proponiet sabiex titwaqqaf il-kera peress li xorta t-trakk l-ieħor jiġi pparkjat barra. Il-membri qablu.

28.6.2 Inġabret kwotazzjoni mill-Alberta sabiex jiġu nstallati CCTVs oħra imqabbda ma dawk ġa eżistenti magħmula minn Alberta. Dawn is-CCTVs huma bżonnjużi għas-sigurta fejn il-latrini pubbliċi u l-uffiċċju l-ġdid fejn il-Qbajjar Promenade.

28.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-CRPD fejn talbu lil Kunsill sabiex isir aċċess aktar adekwat għal persuni b'diżabilita' fil-Qbajjar Promenade. Il-membri qablu.

28.6.4 Talba sabiex titranġa l-bankina ta' Knobs Corner fi Triq Kaċċaturi peress li ma sarx plastik qabel ma tpoġġiet il-bankina. Il-membri qablu li titranġa.

28.6.5 Talba mingħand resident fi Triq id-Duluri sabiex jitneħħa fanal u jiġi spostjat f'post ieħor sabiex ikun jista' jirranġa il-faċċata. Il-membri qablu li dan il-fanal jeħel bejn l-appoġġi.

28.6.6 Il-membri nnotaw korrispondenza mibgħuta mill-PA rigward EC/00034/26.

28.6.7 Talba għal applikazzjoni ta' *reserved disable parking bay* ta' G. Cini fi Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu li għandu jintalab il-permess ta' TM.

28.6.8 Talba sabiex titranġa bil-konkos ir-rampa li hemm fi Triq l-Imgħallem fejn qabel kien hemm il-*bring in sites* tal-Kunsill. Il-membri qablu.

## 28.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 28/2026 għall-perjodu ta' April 2026 li tammonta għal €93,920.04c ġiet approvata mill-membri preżenti .

## 28.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-5.15 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tlieta, 19 ta' Mejju 2026 fil-4.00 ta' filgħaxija.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv